

32006L0072

19.8.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 227/43

**DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2006/72/KE****tat-18 ta' Awwissu 2006**

**li temenda għar-raġunijiet ta' adattament għall-progress tekniku d-Direttiva 97/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti komponenti u karatteristiċi ta' vetturi ta' żewġ jew tliet roti b'mutur**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2002 li għandha x'taqsam ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tagħha,

Id-Direttiva 97/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar ċerti komponenti u karatteristiċi ta' vetturi ta' żewġ jew tliet roti b'mutur (²), b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 97/24/KE hija Direttiva separata għall-ħtiġjiet ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE stipulati mid-Direttiva 2002/24/KE.
- (2) Id-Direttiva 2002/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwar it-tnejja tal-livell ta' emisionijiet li jniġġu minn vetturi bil-mutur b'żewġ roti u bi tlieta u li temenda d-Direttiva 97/24/KE (³) introduċiet valuri ta' limitu ġoddha għall-emissionijiet għal muturi b'żewġ roti li huma applikabbi f'żewġ stadji.
- (3) Ir-Regolament Tekniku Globali (GTR) Nru 2 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) "Il-proċedura tal-kejl għal muturi b'żewġ roti mgħammra b'magna b'positive jew compression ignition fir-rigward ta' l-emissionijiet ta' għassijiet li jniġġu, emmissionijiet tas-CO<sub>2</sub> u l-konsum tal-fjuwil" ġiet addottata bil-ħsieb li jinħoloq suq globali għall-muturi. Dan għandu l-għan li jarmonizza fuq livell dinji l-proċedura tat-test ta' l-emissionijiet użata għall-approvazzjoni tat-tip tal-muturi. Barra minn hekk, hija adattata għall-aħħar żvilupp ta' progress tekniku u tqis il-karatteristiċi speċifiċi tal-muturi.

(¹) ĠU L 124, 9.5.2002, p. 1. Id-Direttiva kif emadata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/30/KE (ĠU L 106, 27.4.2005, p. 17).

(²) ĠU L 226, 18.8.1997, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emadata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/27/KE (ĠU L 66, 8.3.2006, p. 7).

(³) ĠU L 252, 20.9.2002, p. 20.

(4) Skond l-Artikolu 8(5) tad-Direttiva 2002/51/KE l-proċedura tat-test tal-GTR Nru 2 għandha tiġi introdotta flimkien ma' sett ġdid ta' valuri ta' limitu. Il-proċedura tat-test għandha tiġi introdotta bħala proċedura alternattiva ta' l-approvazzjoni tat-tip b'għażla tal-manifattur għat-tieni stadju obbligatorju tad-Direttiva 2002/51/KE. Il-valuri ta' limitu l-ġoddha għandhom jiġu stabbiliti f'korrelazzjoni mat-tieni stadju obbligatorju tad-Direttiva 2002/51/KE. Għalhekk, l-istrettezza tar-rekwiżiti ta' l-emissionijiet tal-muturi mhix se tonqos.

(5) Id-Direttiva 97/24/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-Adattament għall-Progress Tekniku stabbilit permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE (⁴),

**ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:****Artikolu 1**

L-Anness II, Kapitolo 5 tad-Direttiva 97/24/KE huwa emendat skond it-test fl-Anness ta' din id-Direttiva.

**Artikolu 2**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, qabel l-1 ta' Lulju 2007, il-ligħiġiet, ir-regolamenti u d-dispozizzjoniċi amministrativi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufihi lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispozizzjoniċi u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispozizzjoniċi u din id-Direttiva.

Għandhom jaapplikaw dawn id-dispozizzjoniċi mill-1 ta' Lulju 2007.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispozizzjoniċi, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din meta jiġi ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-riferenza.

(⁴) ĠU L 42, 23.2.1970, p. 1. Id-Direttiva kif emadata l-aħħar bid-Direttiva 2006/40/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (ĠU L 161, 14.6.2006, p. 12).

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Ufficijali ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Awwissu 2006.

*Għall-Kummissjoni  
Günter VERHEUGEN  
Membru tal-Kummissjoni*

---

## ANNESS

L-Anness II tal-Kapitolu 5 tad-Direttiva 97/24/KE huwa emendat kif ġej:

- (1) Fil-punt 2.2.1.1 jiżdied il-paragrafu li ġej:

“Skond l-ġħażla tal-manifattur, il-proċedura stipulata fir-Regolament Tekniku Globali (GTR) Nru 2 (\*) tal-NU/KEE tista' tintuża għall-muturi bħala alternattiva għall-proċedura tat-test imsemmi hawn fuq. Fkaż li tintuża l-proċedura stipulata fil-GTR Nru 2, il-vettura trid tirrispetta l-limiti ta' l-emissjoni li jidhru fil-linja C tat-tabella fit-taqṣima 2.2.1.1.5 u d-dispożizzjonijiet l-oħra kollha ta' din id-Direttiva ħlief 2.2.1.1.1 sa 2.2.1.1.4 ta' dan l-Anness.

(\*) Ir-Regolament Tekniku Globali (GTR) Nru 2 tal-NU/KEE ‘Il-proċedura tal-kejl għal muturi b’żewġ roti mgħammira b’ magna b’positive jew *compression ignition* fir-rigward ta’ l-emissjoni jet ta’ gassijiet li jniġġsu, emissjoni jet tas-CO<sub>2</sub> u l-konsum tal-fjuwil’ (ECE/TRANS/180Add2 tat-30 ta’ Awwissu 2005).’

- (2) Fit-tabella tal-punt 2.2.1.1.5, fi ħdan it-taqṣima “Valuri ta’ limiti għall-muturi (b’żewġ roti) għall-approvazzjoni tat-tip u l-konformità tal-produzzjoni”, il-linja C li ġejja trid tiddaħħal wara l-linja B:

“C (2006 — NU/KEE GTR Nru 2)	$v_{max} < 130 \text{ km/h}$	2,62	0,75	0,17
	$v_{max} \geq 130 \text{ km/h}$	2,62	0,33	0,22”